**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Lulju 2024**

**Rikors Guramentat nru : 230/2023 AGV**

**JP**

**Residenti gewwa 108, Triq l-Isqof Scicluna Qormi , Malta fiisimha u ghan-nom taì binha ECP**

**vs**

**AC**

**Residenti gewwa Block I, Flat 2 Triq Patri Justin Sant, Santa Venera,Malta**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Guramentat taì JP fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi minn relazzjonijiet li l-esponenti JP kellha mal-intimat AC twieled it-tifel bl-isem taì EC P fl-10 taì Ottubru, 2013 li illum ghandu ghaxar snin, Certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dok JP1.**

2. Illi r-relazzjoni taì bejn il-partijiet intemmet ftit wara li twieled il-minuri.

3. Il-minuri dejjem ghex u ghadu jghix mar-rikorrenti ommu sal-gurnata tal-lum.

4. Illi l-attrici ilha mill-jum tat-twelid tal-minuri terfaì r-responsabilitajiet kollha li jgib l-istess minuri.

5. Illi skond il-ligi il-konvenut bhala missier il-minuri ghandu obbligu li jmantni u jeduka l-istess minuri.

6. Illi l-konvenut A C qatt ma versa u ghadu sal-lum il-gurnata ma jivversax ebda manteniment ghall-ibnu lill-attrici.

7. Illi-esponenti pprezentat ittra fil-Qorti Civili Sezzjoni Familja li ggib n-numru 1016/20TC fl-ismijiet PJ vs CA . Illi kif inhu evidenti mill-atti taì

din l-ittra il-partijiet ma waslux fi ftehim fir-rigward taì materji li jikkoncernaw il-wild komuni fejn anke kien hemm nuqqas taì interess da parti l-konvenut, sabiex jintlahaq ftehim bonarju.

8. Illi-l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bl-istanti permezz tad-digriet taì dina l-Onorabbli Qorti tat-tnejn u ghoxrin taì Settembru 2023. Kopja legali tinsab hawn annessa u mmarkata bhala **Dok JP2.**

9. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

**Ghaldaqstant** l-esponenti qieghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna illi:-

1. **Tiddikjara** li l-intimat bhala missier il-minuri EC P ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka l-istess minuri tieghu u dana bìeffett mid-data tat-twelid tal-istess minuri.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri EC P fiidejn l-attrici salv d-dritt taì access tal-konvenut.

3. Tordna li iben minuri jirrisjedi mal-esponenti filwaqt li tirregola l-hinijiet u modalitajiet taì access ghall-missier.

4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghall-minuri ECP u jibqaì hekk pagabbli sakemm l-imsemmi minuri jaghlaq l-eta taì tmintax il-sena jekk jieqaf mill-iskola u jibda jahdem bi qligh jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk il-minuri jiddecidi

li jibqa jistudja fuq bazi full-time, kif ukoll tordna illi dawn l-allimenti jigu ddepozitati fìkont bankarju indikat mmill-esponenti u tipprovdi dawn modalitaijiet taì kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrfleti fl-gholi tal-hajja u tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga jew dhul jew assistenza socjali tal-konvenut AC

5. Tordna illi l-ispejjez taì sahha u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri ghandhom jinqasmu nofs bì nofs bejn il-partijiet u dan immedjatament mal-prezentazzjoni tar-ricevuta in kwistjoni mir-rikorrenti.

6. Tillikwida u tordna lill-intimat ihallas lil-esponenti l-arretrati tal-manteniment minn meta twieled il-minuri ECP u cioeì mill-10 ta í Ottubru 2013 kif ukoll arretrati taì sehem l-intimat mill-ispejjez taì sahha, edukazzjoni, u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri mid-data tat-twelid u kull eventawli spiza tal-minuri fil-mori tal-proceduri odjerni.

7. Tordna li childrenìs allowance jew beneficcji ohra li ghandhom xìjaqsmu mal-minuri li jinghataw mill-Gvern, ghandhom jithallsu lir-rikorrenti biss.

8. Tordna illi l-passaport tal-minuri ghandu dejjem jibqa fìidejn ir-rikorrenti u dan dejjem skont dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi.

9. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-wild minuri fosthom izda mhux limitatament dawk kif ghadu jigi regolati s-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi u extra-kurrikulari.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.**

**Rat li l-konvenut huwa kontumaci.**

**<u>IKKUNSIDRAT:</u>**

**<u>Fatti</u>**

1. L-attrici tispjega li ftit wara li ltaqghet mal-konvenut kienet harget tqila bit-tifel E  li twieled fl-10 taì Ottubru, 2013. Tlett xhur wara t-twelid tat-tifel ir-relazzjoni taì bejn il-kontendenti ntemmet.

   Minn dak iz-zmien, l-attrici ilha toqghod maì binha fid-dar tal-genituri taghha u minn dejjem trabbi lill-minuri wahda u tmantnih wahedha, minghajr qatt ma kellha ghajnuna minghand il-konvenut. Minkejja li ma kinitx tahdem dejjem ghamlet l-almu taghha sabiex ikollha flus ghall-bzonnijiet tal-minuri, filwaqt li l-konvenut dejjem harab mir-responsabbilitajiet tieghu.

   Lanqas qatt ma kkontribwixxa lejn l-ispejjes tas-sahha, edukazzjoni jew spejjes extra-kurrikulari tal-minuri.

   Tispjega li kellha t-tifel meta kellha 23 sena u peress li ghandha huha li jbati mill-*schizophrenia*  tant li *l*-genituri taghha ma setghux ighinuha

bit-tifel ma kellhiex ghazla hlief li ma tohrogx tahdem u tiehu hsieb lit-tifel minuri. Meta t-tifel ghalaq tmien snin bdiet isegwi kors tal-m*ake up* sabiex tipprova tahdem fidan il-qasam.

L-uniku dhul li tircievi huwa l-beneficcji socjali taì *single mother* kif ukoll ic-childrenìs allowance. Kienet toqghod attenta sabiex ikollha flus biex taccerta ruhha li setghet tiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tifel. Tispjega li peress li kienet tghix mal-genituri taghhha kienet iffrankat il-kera.

L-attrici tkompli tixhed billi tispjega li meta t-tifel minuri kellu sentejn u nofs, il-konvenut zvillupalu kundizzjoni medika li ma setax joqghod espost ghax-xemx u ghalhekk iddecieda li ma jahdimx izjed, izda dan ma jiggustifikax il-fatt li bhala missier ghandu obbligu li jmantni lil ibnu.

L-attrici ssostni li hi dejjem hadet hsieb l-ispejjes tat-tifel minuri mill-halib u n-nappies sal-ikel u hwejjeg. Kienet anke thallaslu l-mizati tad-diversi *clubs* tal-*football* fejn kien jilghab it-tifel, Kien biddel xi *clubs* u kull darba jkollha tixtrilu *kit* gdida u anke zarbun tal-*football* kull darba li johrog minnhom. Ghas-sena 2023, tispjega li kienet hallset €250 *football fee,* €90 *football kit* u xi €65 zarbun tal-*football.*

L-attrici tinsisti li qatt ma cahdet lill-minuri milli jara lil missieru u peress li dan tal-ahhar ma kienx isuq, kienet tmur darbtejn fil-gimgha hdejn ir-residenza tal-konvenut biex jara lil ibnu. Izzid tghid li minkejja dan il-konvenut ma tantx kien juri interess fil-minuri, lanqas qatt m'attenda Parents Day jew xi attivitajiet tat-tfal.

Minhabba dan in-nuqqas ta' interess, l-attrici qed tinsisti li decizjonijiet dwar is-sahha u l-kura tal-minuri jittiehdu esklussivament minnha.

L-attrici tkompli tghid li minhabba dan in-nuqqas ta' interess kellha tiftah proceduri ta' medjazzjoni u ssegwiha b'kawza. Tinsisti li ma tridx thallas l-ispejjes li kellha tidhol fihom izda ghandhom ibatihom il-konvenut.

Dwar manteniment, l-attrici tikkonferma li tul dawn l-ahhar ghaxar snin, il-konvenut rari kien ighaddilha manteniment, forsi xi ghoxrin Euros kull tlett xhur, Izzid tghid li minkejja kollox kien jonfoq cirka xi €40 kuljum fuq il-haxixa u dan setghet tikkonfermah ghax kien ipejjep quddiemha.

Kienet anke baghtiltlu sabiex ihallas sehemhu mill-ispejjes edukattivi u tas-sahha u jinjoraha.

Tispjega li l-konvenut kien jinjora lill-minuri u t-tifel kien ighidilha li l-konvenut missieru ma jhobbux., Filwaqt li hi qed tahli l-energija, flus u hin fl-interessi tal-minuri, minn mindu bdiet bil-proceduri, il-konvenut iktar hadha kontra tal-minuri. Kemm il-darba tibghatlu sabiex jipprovaw jaslu fl-arrangjament, izda ghalxejn ghax il-konvenut jinjoraha.

2. **Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-***employment history*** kif ukoll ir-registration history tal-konvenut, kif ukoll ipprezenta lista ta' *submissions*.[1] Jikkonferma li l-konvenut ghamel zmien jirregistra u minhabba f'hekk peress li jkun *unemployed* jibghatulu dwar *job vacancies*. Fil-lista tas-*submissions* jirrizulta ghall-impjiegi li tapplika u jekk intghazlitx jew le u r-raguni.

[1] Doks. LB 1 – LB 3

Jikkonferma li llum l-konvenut ma kienx qiegħed jirregistra u l-aħħar li kien għamel dan kien fit-8 ta' Lulju, 2020.

3. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar il-beneficcji li jircievi l-konvenut.[2]

4. **Johanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultaw li l-attrici ghandha zewg kontijiet bankarji, *savings account* li ghadu miftuh,[3] Il-kont l-iehor huwa *motor loan* u dan thallas sakemm inghalaq f'Settembru , 2016. [4]

i

F'isem il-konvenut jirrizulta li hemm kont wiehed li huwa *savings account* li nfetah f'Gunju, 2006 u ghadu miftuh.[5]

5. **PS 2242 Rodianne Ghirxi** kkonfermat li kienu saru tlett rapport mill-attrici fil-konfront tal-konvenut. Kien hemm wahda li saret fl-2017 u tnejn ohra dina s-sena.[6] Tnejn minnhom kienu fuq manteniment.

Dawn kienu l-provi mressqa mill-attrici.

Peress illi l-konvenut huwa kontumaci, il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-attrici, li ghalhekk jikkostitwixxu prova mhux kontradetta.

[2] Dok. ST 1
[3] Dok. JB 1
[4] Dok. JB 2
[5] Dok. JB 3
[6] Dok. RG 1 – RG 3

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**<u>Kura u Kustodja</u>**

In kwantu jirrigwarda l-minuri, dina l-Qorti hija mghobbija bir-responsabbilita' li f'kull kaz tara li d-decizjonijiet li tiehu ghandhom ikunu gwidati minn konsiderazzjonijiet dwar x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Tali responsabbilita' hija regolata bl-Artikolu 149 tal-Kodici Civili li jipprovdi:-

> ***"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidhrilha xieraq fl-interessi tat-tifel."***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[7] gie dikjarat li: ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal,"*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li ***"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfa***l".

---

[7] ***Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru2668/1996/2RCP***

Fil-kawza **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[8] intqal:

> "***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***"

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-konvenuta mhux prezenti xejn f'hajjet il-minuri, Ma weriex interess fil-medjazzjoni u wisq anqas f'din il-kawza.

L-attrici ttenni li kemm il-darba tiehu lill-minuri meta l-konvenut ikollu burdata li jrid jarah u generalment dan ikun darba fil-gimgha.

Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax li l-konvenut jiehu l-izbriga biex jara lill-ibnu u l-verzjoni attrici hi li l-konvenut jigi jaqa' u jqum minn ibnu u jpejjep il-haxixa quddiemu, ghax gieli kien hemm drabi fejn il-minuri gie lura b'riha fuq hwejjgu.

Li kieku verament il-konvenut ried ikollu l-kura u kustodja tal-minuri kien jiggieled ghalih f'dina l-kawza, izda minflok baqa' kontumaci u fil-fehma tal-attrici, iktar allontana ruhu mill-minuri ghax donnu hadha bil-

---

[8] ***. Rik.Gen.Nru.:571/2021JPG***

kbira li fethet kawza. Dan ihalli dubbji kbar fuq kemm il-konvenut verament jixtieq relazzjoni ma' ibnu.

Ghaldaqstant, il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun esklussiva ghall-attrici.

**<u>Access</u>**

Fil-kawza fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Cauchi** deciza mill-Qorti tal-Appell fit- 3 ta' Ottubru, 2008 intqal li, "***fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-ġenituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha."***

Peress li jirrizulta mill-provi li donnu m'hemmx xi granet fissi meta jigi ezercitat l-access u kollox jiddependi fuq il-volonta' tal-konvenut, dina l-Qorti thoss li l-access ghandu jigi llimitat ghal darba fil-gimgha bi ftehim bejn il-partijiet bi pre-avviz ta' erbgha u ghoxrin siegha.

**<u>Manteniment</u>**

L-artikolu 3B tal-Kap.16 tal-Kodici Civili jikkontempla li

> (***i) Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewwgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied***."

L-artikolu 7 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla ukoll illi ***"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3 B."***

Inoltre, il-Qrati tagħna dejjem irritenew li l-obbligu tal-manteniment għall-minuri huwa obbligu assolut, Fis-sentenza fl-ismijiet **Tiziana Caruana vs Redent Muscat Rik. Nru. 272/2018 deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2019,** ġie ritenut**;**

> ***" Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabbilita' tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Martina Galea vs Mario Galea** deċiża fil-31 ta' Jannar, 2019, hu relevanti dak li qalet il-Qorti**;**

> ***"Il-manteniment għat-tfal, fil-verita' iżjed milli dritt ta' ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx imċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja ta' llum tikkunsidra bħala neċessita' għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Fid-deċiżjonijiet ta' *quantum t*a' manteniment dina l-Qorti dejjem trid tistabbilixxi x'inhuma l-mezzi tal-persuna li minnha qed jintalab il-

manteniment, filwaqt li tistabbilixxi ukoll il-bzonnijiet tal-persuna li qed titlob il-manteniment.

L-attrici dejjem rat kif ghamlet sabiex trabbi lil binha u ma tantx kellha ghazla li tmur tahdem peress li m'ghandhiex ghajnuna mill-genituri taghha u dan minhabba li huha jbati mill-*ischizophrenia.*

L-uniku dhul taghha huwa l-beneficcju socjali li tircievi bhala "single mother" kif ukoll tippercepixxi c-*childrens allowance.*

Ta' min jammira lill-attrici li hadet anke l-inizjattiva, issa li t-tifel beda jitfarfar u segwiet kors tal-make-up biex forsi tibda tahdem f'dan il-qasam. Fis-sentenza **Alexia Meilak vs Emanuel Piscopo** Rik. Nru. 101/2021 deciza fis-26 ta' Jannar, 2023, il-Qorti kkunsidrat hekk:-

> ***"naturalment dawn il-qrati dejjem fehmu illi huwa stat ta' fatt li l-genitur li mieghu jkunu qedghin jirrisjedu t-tfal, xi ftit jew wisq ikun illimitat fil-kapacita' tieghu ta' dak il-genitur li jiggenera ntrojtu li jixtieq."***

Fil-fatt, l-attrici tammetti li ghazlet li ma tahdimx peress li meta kellha t-tifel kellha 23 sena u kellha trabbih wahedha. Dwar il-posizzjoni tal-konvenut iktar hemm x'tomoghod. Jallega li jbati minn kundizzjoni fejn ma jistax jesponi ruhu ghax-xemx u ghalhekk iddecieda li ma jahdimx iktar. Donnu mhux konsapevoli li jezisti ukoll xoghol fuq gewwa, apparti l-fatt li ghadu ta' eta' zghira b'kapacita' lavorattiva.

Prezentement jircievi numru ta' hlasijiet fis-sena bhala assistenza ghad-disabilita' severa u *allowance* supplimentari. Dikjarazzjoni tal-hlasijiet

mahruga ghas-sena 2003 jirrizulta li l-konvenut dahhal €7660.14 u ghas-sena 2024 bejn Jannar u April ircieva s-somma ta' €1990.40.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut rari hallas manteniment u xi kull tlett xhur kien ighaddilha xi €20, izda mbaghad tistqarr li l-finanzi kienu jippermettulu li jonfoq iktar minn €40 kuljum fuq il-haxixa u dan gie kkonfermat mill-attrici stess peress li kemm il-darba pejjipha quddiemha.

Skond il-prospett tal-attrici datat 22 ta' Frar, 2024, ghall-bzonnijiet tat-tifel, edukazzjoni, sahha u anke attivitajiet extra-kurrikulari, ghandha nefqa ta' €696.59 bhala spejjes fuq il-minuri.

Fit-18 ta' Jannar, 2024, dina l-Qorti harget digriet fejn ordnat lill-konvenut sabiex ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €200 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni u dan b'effett mill-1 ta' Novembru, 2023.

Minkejja dan, il-konvenut naqas li jaghmel tali pagament li fuq tmien xhur jammontaw ghall-€1,600.

Fuq paragun, kull xahar il-konvenut jaqla' cirka €570 mill-beneficcji u di piu' jghix mal-genituri tieghu u ghalhekk m'ghandux xi spejjez ta' kera jew spejjez ulterjuri.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, dina l-Qorti tordna li ghandu jigi varjat id-digriet tat-18 ta' Jannar, 2024 u tordna li l-konvenut ghandu jhallas manteniment fis-somma ta' €250 oltre nofs l-ispejjes edukattivi,

tas-sahha, inkluz attivitajiet extra-kurrikulari li sallum dejjem thallsu mill-attrici.

Inoltre, peress li minkejja d-digriet taghha tat-18 ta' Jannar, 2024, il-konvenut qatt ma hallas manteniment, dan ghandu jigi kkalkolat mill-1 ta' Novembru, 2023 sallum **(€200 x 8 = €1,600).**

**Arretrati ta' Manteniment mid-data tat-Twelid**

Stabbilit li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi lejn il-manteniment ta' ibnu minuri, dina l-Qorti trid tikkunsidra jekk tali obbligu ta' hlas ta' manteniment ghandux jigi effettwat mid-data tat-twelid tal-minuri.

Fil-kawza Rikors Nru. 51/2018, fl-ismijiet **Charmaine Cauchi vs David Spiteri** deciza fit-18 ta' Jannar, 2022, il-Qorti rriteniet is-segwenti:-

> "***Gialadarba hija l-ligi stess li tipprovdi l-eccezzjoni kontra r-regola generali li d-dekors taz-zmien jestingwi l-azzjoni, il-Qorti ghandha s-setgha, anzi d-dmir, illi tqanqal u tapplika hija stess, anke in mankanza tal-opposizzjoni espress tal-parti attrici, il-posizzjoni legali korretta meta din tigi riskontrata fil-provi akkwiziti fl-atti. Dan fuq l-iskorta tad-dottrina kostanti in materja li tirritjeni illi, minhabba n-natura odjuza tal-preskrizzjoni, dan l-istitut ghandu jigi applikat bl-iktar mod restrittiv u fil-kamp civili l-Qorti m'ghandhiex testendi l-applikazzjoni tal-eccezzjoni b'mod generiku u minghajr qies ghar-regola dwar il-preskrizzjoni.***"

Illi ghalhekk fil-kaz odjern, li l-preskrizzjoni ma timxix "***bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri."*** Fis-sentenza **Amanda Briffa pro.et.noe. vs Stephen Fenech Rik. Nru. 4/11** il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi "***Ghalhekk mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data tas-sentenza permezz ta' liema l-konvenut gie zvestit mis-setgha ta' genitur, u cioe' t-28 ta' Jannar, 2010, l-ebda preskrizzjoni ma kienet dekorribbli fir-rigward tal-hlas tal-manteniment ta' iben il-partijiet."***

Maghdud mal-premess, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **A.Xerri pro.et.noe vs Elvin Magri** spjegat illi "…***il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba attrici timmerita li tigi milqugha u cioe' li l-konvenut ghandu jmantni lil bintu mid-data tat-twelid ghaliex huwa car li l-obbligu jittwieled mat-twelid tat-tarbija."***

<u>Jirrizulta ghalhekk li l-attrici qed tezercita din it-talba ghall-manteniment ghan-nom tal-minuri. Kif tghid dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet</u> **Charmaine Cauchi vs David Spiteri deciza fit-18 ta' Jannar, 2022**

> **" …*Dan id-dritt huwa azzjonabbli mill-ulied fil-konfront tal-genitur li huwa d-debitur tal-obbligazzjoni u fil-kaz odjern huwa ukoll espressament moghti lill-attrici d-dritt ghall-azzjoni ghall-hlas tal-istess manteniment. Madanakollu, kif gia' stabbilit, il-preskrizzjoni ma timxix bejn il-minuri u l-genitur u lanqas bejn il-mizzewwgin. Ghalhekk irrispettivament minn liema ottika wiehed ihares lejn l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tal-manteniment u lejn id-dritt korrispondenti ghall-hlas tal-manteniment, jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni ghall-azzjoni ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment kontra l-konvenut, kemm bhala l-genitur ta' uliedu*

***minuri obbligat ghall-manteniment taghhom, kif ukoll bhala l-attrici ghandha d-dritt tircievi l-hlas ghan-nom ta' uliedha, hija sospiza u ma timxix."***

"***Fi kliem iehor, il-preskrizzjoni tibda miexja kontra l-istess ulied mid-data meta jaghlqu l-eta' maggorenni in kwantu ghall-manteniment lilhom dovut…Il-preskrizzjoni midija u sospiza, tissokta timxi minnufih li tispicca r-raguni tas-sospenzjoni taghha."***[9]

Konsegwentement, peress li meta giet ipprezentata dina l-kawza, it-tifel kien ghadu minuri, it-talba ghall-hlas ta' arretrati ta' manteniment ma tistax titqies preskritta.

Inoltre, il-Qorti tifhem li huwa difficli li l-attrici tipproduci l-ircevuti kollha fuq l-infiq fuq il-minuri mill-10 ta' Ottubru, 2013 u cioe' d-data meta twieled it-tifel, certament dak iz-zmien meta t-tifel kien ghadu tarbija jkun hemm infiq ta' hafna bzonnijiet ghat-tarbija, halib, hrieqi, medicini ecc, imbaghad aktar ma kiber hemm l-ispejjes relatati mal-edukazzjoni tieghu, kif ukoll bzonnijiet necessarji tal-hajja ta' kuljum.

Fis-sentenza **AB vs CD Rik. Nru. 132/14 deciza fil-31 ta' Mejju, 2018,** il-Qorti rriteniet illi**;**

"***Ghalkemm l-ircevuti huma important, fil-prattika huwa difficli immene ghall-genitur li joqghod jerfa' kull ircevuta rigwardanti l-minuri sa mid-data tat-twelid. Din il-Qorti timxi mal-massima***

---

[9] AB vs CD Rik. Nru. 132.14 deciza fil-31 ta' Mejju, 2018

*legali li min jallega hlas dan irid jippruvah u b'hekk indubbjament tezigi li l-parti li taghmel it-talba ghandha tipprova l-kaz taghha. Madanakollu, l-grad ta' prova necessarja fil-kawza fejn si tratta talba ghall-manteniment minghand dak il-genitur li ma jkunx prezenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun bizzejjed ghal dik il-parti li taghmel it-talba ghall-hlas ta' manteniment illi tipprezenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li ghandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rcevuti, liema rcevuti ghandhom jaghtu indikazzjoni tal-hajja li dik il-parti tkun qiedgha taghti lil uliedha, izda l-Qorti ma tarax il-bzonn illi tali parti fil-kawza ghandha tipprezenta kull ircevuta li tinghata kuljum, anke sahansitra ghall-kartuna halib. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Michelina Bezzina vs Julian Bezzina, fejn gie ribadit illi "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precisament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkun xpossibbli li titressaq prova konkreta li tistabilixxi bi precizjoni t-telf subit."*

Stabbilit dan kollu, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u cioe' mill-10 ta' Ottubru, 2013. L-attrici pprezentat prospett fejn iddikjarat li fuq il-minuri tonfoq cirka €**696.59** fix-xahar, liema ammont jinkludi fih il-hlas tal-ispejjez edukattivi, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari. Ghalhekk qed tippretendi li l-konvenut ihallas ghan-nofs dan l-ammont u cioe' s-somma ta' **€348.30**. Dan kollu ma giex ikkontestat mill-konvenut, stante l-kontumacja tieghu.

Għaldaqstant, jirrizulta li l-konvenut għandu jħallas €348.30 fuq perjodu ta' 129-il xahar **(€348.30 x 129 = €44,930.70**).

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut abdika totalment mir-responsabbiltajiet tiegħu bħala missier, u bid-dovut rispetto qed jistaħba wara l-kundizzjoni medika tiegħu billi ma jikkontribwixxi assolutament xejn għat-trobbija tal-minuri. Il-Qorti ma tistax tippermetti dan kollu, u għalhekk qed jigu likwidati l-ammonti hawn indikati.

**<u>DECIDE:</u>**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

**1.** Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna lill-konvenut li għandu l-obbligu li jħallas għall-manteniment tal-minuri, hekk kif deciz u mfisser fl-intestatura "**Manteniment"** kif ukoll għandu l-obbligu li jħallas għall-arretrati ta' manteniment, kif fuq deciz u mfisser fl-intestatura "**Arretrati ta' Manteniment mid-data tat-Twelid."**

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tigi fdata esklussivament lill-attrici, b'dana li l-access għandu jigi ezercitat skond kif imfisser fl-intestatura "**Access**."

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna lill-minuri jirrisjedi mal-attrici ommu u l-access jigi ezercitat kif imfisser fl-intestatura "**Access**."

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna lill-konvenut iħallas manteniment kif fuq deciz u mfisser fl-intestatura "**Manteniment**" u dan għandu jibqa'

hekk pagabbli sakemm l-imsemmi minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibda jahdem bi qliegh, jew sa 23 sena jekk il-minuri jiddeciedi li jibqa' jistudja fuq bazi *full-time.*

L-istess manteniment ghandu jinqata' direttament mill-beneficcji socjali li jircievi l-konvenut u b'dan l-arrangjament ghandu jigi avzat id-Direttur tas-Sigurta' Socjali.

L-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna l-hlas tal-istess.

**6.** Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna l-hlas tal-arretrati ta' manteniment kif fuq imfisser u deciz fl-intestatura "**Arretrati ta' Manteniment mid-data tat-Twelid.**"

7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tordna li c-childrens allowance jigi ppercepit mill-attrici, kif ukoll kwalsiasi beneficcji ohra.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna li l-passaport tal-minuri jinzamm mill-attrici u l-istess passport jista' jiggedded minghajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenut u tordna kopja tal-istess sentenza tigi notifikata lill-Ufficjal tal-Passporti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor Imħallef. Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**